07 FEB 2023

ĦAŻ-ŻABBAR
Citta' Hompesch

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar

## IT-TMINN LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 575**

**It-Tnejn 9 ta' Jannar 2023**

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar iltaqa' b'mod virtwali permezz ta' *Microsoft Teams*, fis-6.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Jorge Grech - Sindku
Bernice Farrugia - Viċi Sindku
Mark Grech - Kunsillier
Joseph Buttigieg - Kunsillier
Ghislaine Bongailas - Kunsilliera
Angelo Scicluna - Kunsillier
Anna Calleja - Kunsilliera
Joseph Agius - Kunsillier
Patrick Barbara - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI**

Angel Gwyn Louisielle Camilleri - Kunsilliera
Joseph Vella – Kunsillier

**ASSENTI**

Ma kien hemm ħadd assenti.

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Stephanie Testaferrata de Noto – Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku ppresieda l-laqgħa.

**575.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

575.1.1 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mis-Sinjorina Angel Gwyn Louisielle Camilleri fejn talbet li tkun skużata milli tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Viċi Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sinjura Angel Gwyn Louisielle Camilleri tkun skużata.

575.1.2 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mis-Sur Joseph Vella fejn talab li jkun skużat milli jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Viċi Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Joseph Vella jkun skużat.

**575.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti**

575.2.1 Il-minuti tal-574 laqgħa ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg.

**575.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

575.3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv resqet quddiem il-Kunsill il-minuti tal-Laqgħa tal-Komunità li saret nhar il-Ħamis 15 ta' Diċembru, 2022. Fuq proposta tal-Viċi Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li japprova l-minuti tal-laqgħa annwali pubblika.

575.3.2 Dwar il-polza ta' assigurazzjoni dwar flus fil-Kunsilli Lokali, il-Kunsill, fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, qabel unanimament li jġedded il-polza għall-ħlas ta' €65.00 pagabbli lill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

575.3.3 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li l-għaqdiet lokali kienu nvoluti fit-tiżjin tal-Milied. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjorina Ghislaine Bongailas, il-Kunsill qabel unanimament li l-ispiża totali għat-tiżjin tal-Milied bejn l-għaqdiet lokali tkun tammonta għal €3,000 VAT inkluż. Is-Sindku spjega li ma kienx sar tiżjin tal-Milied f' Misraħ tal-Madonna Medjatriċi minħabba li kien għaddej xogħol infrastrutturali mill-Gvern Ċentrali f'din iż-żona.

575.3.4 Is-Sindku tkellem dwar l-attivitajiet tal-karnival u ssuġġerixxa biex għal din is-sena l-programm tal-karnival isir it-Tnejn 20 ta' Frar, 2023 filgħaxija. Is-Sindku qal illi l-programm għandu jibda fis-7.00 ta' filgħaxija bi programm immirat għat-tfal. Is-Sindku spjega li mis-7.00 sat-8.30 ta' filgħaxija ikun hemm programm bis-sehem ta' diversi skejjel ta' żfin bil-kostumi karnivaleski, parata bil-banda Brażiljana *Batuca Beat Band* u banda Brażiljana *Escola di Samba,* kif ukoll illużjoni u makjetti u *sketches* komiċi . Peress illi f' Misraħ tal-Madonna Medjatriċi kien għaddej ix-xogħol infrastrutturali, is-Sindku ppropona li għal din is-sena l-programm tal-Karnival għandu jiġi organizzat fi Triq Ġużepppi Pace ġewwa ż-żona tal-Biċċieni. Is-Sindku ddiskuta l-possibilità li wara li jispiċċa l-programm immirat għat-tfal, fid-disgħa ta' filgħaxija jiġi organizzat karnival spontanju bil-

parteċipazzjoni ta' diversi mużiċisti ġewwa l-pjazza fi Triq Ġużeppi Pace u fl-isqaqin tal-madwar.

575.3.5 Fis 6.36 ta' filgħaxija is-Sur Mark Grech daħal għal-laqgħa.

575.3.6 Is-Sindku qal illi biex il-karnival spontanju jkun ta' suċċess, irid isir reklamar tajjeb ta' din l-attività, tinħoloq atmosfera tal-Biċċieni, jintrama *stage* bis-*sound system* meħtieġa, ikun hemm parteċipazzjoni bil-mużiċisti kif ukoll DJ's lokali u jsiru diversi attrazzjonijiet tal-karnival fiż-żona. Is-Sindku ppropona nefqa ta' €3,000 sabiex jiġi organizzat il-karnival spontanju.

575.3.7 Is-Sinjura Anna Calleja semmiet il-ħtieġa li jiġu organizzati attivitajiet fil-lokal. Is-Sur Angelo Scicluna qal illi huwa wkoll kien jaqbel li għandha tiġi organizzata attività ta' dan it-tip mill-Kunsill Lokali peress illi l-Kunsill ma kienx organizza attivitajiet matul din il-leġislatura. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-attivitajiet li jittellgħu bil-kollaborazzjoni mal-għaqdiet lokali huma wkoll attivitajiet tal-Kunsill. Is-Sindku żied jgħid li minħabba restrizzjonijiet tal-COVID 19 il-Kunsill kellu jdejh marbutin u ma setgħax jorganizza ċertu attivitajiet. Minkejja dan, il-Kunsill xorta waħda kien tella' diversi attivitajiet mal-għaqdiet lokali u anke organizza attivitajiet virtwali kif ukoll sportivi, *car show* u kunċerti. Is-Sindku talab l-impenn tal-Kunsillieri u żied jgħid li kull min kien interessat jieħu sehem fl-organizzazzjoni tal-karnival spontanju, jagħmel kuntatt miegħu sabiex flimkien jorganizzaw din l-attività. Is-Sur Angelo Scicluna ssekonda l-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament li l-kumpanija *Leon Promotions* tkun responsabbli mill-programm tal-karnival għall-prezz ta' €2,480 u approva n-nefqa ta' €3,000 sabiex jiġi organizzat l-karnival spontanju fiż-żona tal-Biċċieni.

575.3.8 Is-Sindku qal illi fl-1 ta' Frar 2023 għall-okkażjoni ta' Jum Ħaż-Żabbar, fis-6.00 ta' filgħaxija ser issir il-quddiesa fil-Knisja Arċipretali u Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja u fis-7.30 kunċert ta' madwar siegħa u nofs mill-Kor Notre Dame u l-orkestra li ddoqq fil-festa. Is-Sindku żied jgħid li matul dan ix-xahar qed jiġi ċċelebrat l-40 sena anniversajru mit-twaqqif tal-Kor Notre Dame. Is-Sindku kompla jgħid li matul il-kunċert kienu ser jitqassmu l-onorifiċenzi u r-rikonoxximenti ta' Jum Ħaż-Żabbar. Is-Sindku spjega li kien hemm xi rikonoxximenti ta' snin mgħoddija li kienu għadhom ma ngħatawx u għalhekk dawn għandhom jingħataw matul iċ-ċerimonja li ser issir din is-sena. Is-Sindku qal illi kien qed jiddiskuti l-possibilità sabiex fl-1 ta' Frar 2023 jiġi inawgurat il-proġett li sar tal-*Urban Greening* fl-ex venda ta' Ħaż-Żabbar. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li fl-okkażjoni ta' Jum Ħaż-Żabbar jingħata rikonoxximent speċjali lis-*CEO* u lill-kumpanija tal-*Wasteserv* bħala ringrazzjament għat-tlett proġetti tal-*Urban Greening* li saru fil-lokalità. Is-Sindku ppropona li l-Kunsill jagħti rikonoxximent speċjali lis-Sur Gerhard Raiss għall-ħidma tiegħu biex iżomm ir-relazzjoni ta' ġemellaġġ bejn il-Kunsill ta' Eschborn u ta' Ħaż-Żabbar. Dan peress illi s-Sur Raiss kien ser jirtira biż-żmien. Is-Sindku żied jgħid li s-Sur Raiss kien organizza diversi wirjiet ta' artisti Żabbarin ġewwa Eschborn u wirjiet ta' artisti Ġermaniżi

ġewwa Ħaż-Żabbar. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li fl-okkażjoni ta' Jum Ħaż-Żabbar jingħata rikonoxximent speċjali lis-Sur Gerhard Raiss bħala ringrazzjament u dedikazzjoni għas-sehem tiegħu fil-lokalità. Is-Sindku tkellem dwar ir-rikonoxximenti li kienu ser jingħataw marbuta mad-dekasteru tal-Proġetti Infrasstrutturali u nforma lill-membri preżenti li kien hemm bidla fis-CEO ta' Infrastruttura Malta u l-Ministru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali. Is-Sindku ppropona li l-Kunsill minflok jirrikonoxxi CEO wieħed biss, għandu jirrikonoxxi lis-CEO u t-Tekniċi ta' Infrastruttura Malta li hemm preżenti wkoll. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jirrikonoxxi lil *ex*-CEO u lis-CEO li hemm preżenti ta' Infrastruttura Malta, kif ukoll lill-Ministru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali għall-kontribut tagħhom fil-lokalità. Is-Sindku qal illi s-serata mistennija tispiċċa fid-9.00 ta' filgħaxija u staqsa jekk il-Kunsill għandux jorganizza riċeviment wara li tispiċċa ċ-ċerimonja. Fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jorganizza bibita wara ċ-ċerimonja fis-Sala Ragħaj it-Tajjeb.

575.3.9 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li *Heritage Malta* kienet ser tagħmel xogħol ta' restawr fuq il-monument tal-ex President ta' Malta, is-Sinjorina Agatha Barbara. Is-Sindku żied jgħid li l-Kunsill kien ser jirranġa d-dawl tal-art li hemm madwar il-monument mill-fondi tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjorina Ghislaine Bongailas, il-Kunsill qabel unanimament li jirranġa d-dawl tal-art li hemm mal-monument tal-ex President ta' Malta fi Triq is-Santwarju.

575.3.10 Is-Sindku qal illi fil-futur viċin mistenni jibda x-xogħol ta' manutenzjoni taċ-ċnut tas-*soft areas* fiż-żona ta' St Peter, Triq l-Attakk tal-Franċiżi, żona tal-Plier, kif ukoll fiż-żona ta' Maria Bambina. Is-Sindku semma l-ħtieġa li jiġi rranġat ħajt perikoluż. Is-Sinjura Anna Calleja ssekondat il-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament li l-Kunsill jirranġa ċ-ċnut tas-*soft areas*.

575.3.11 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li fil-ġimgħat li ġejjin mistenni jinbeda l-proġett ta' tisbiħ fi Triq il-Kunsill tal-Ewropa. Is-Sindku qal illi dan il-proġett jinkludi fost oħrajn pavimentar tal-*promenade* li tinkludi wkoll *bicycle lane* faċċata tal-Park San Klement. Is-Sindku qal illi wara diversi diskussjonijiet ma' Infrastruttura Malta, kien ser isir ristrutturar tat-*traffic island* li hemm fit-tarf tat-triq. Is-Sindku spjega li matul il-proġett tan-*New Water,* din it-*traffic island* kienet temporanjament tneħħiet u żied jgħid li l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma kienu obbligati jibnu t-*traffic island* mill-ġdid wara li jitlesta x-xogħol.

**575.4 Approvazzjoni tal-minuti tas-Sotto Kumitat**

575.4.1 Ma kienx hemm minuti tas-Sotto Kumitat.

**575.5 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

575.5.1 Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill approva unanimament l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn is-6 ta' Diċembru 2022 u d-9 ta' Jannar 2023 li kienet tammonta għal €60,972.05.

**575.6 *Performance Bonus* tal-impjegati**

575.6.1 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li s-Segretarju Eżekuttiv tingħata l-massimu (10%) tal-*performance bonus* għas-sena 2022.

575.6.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-*appraisal report* tal-impjegati tal-Kunsill għas-sena 2022. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li l-impjegati tal-Kunsill jieħdu l-massimu (6%) tal-*performance bonus.*

575.6.3 Is-Sindku tkellem dwar il-*performance report* tal-ħaddiema tal-*Community Workers Scheme Enterprise Foundation* għas-sena 2022. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li japprova l-*performance reports.*

575.6.4 Is-Sindku ssuġġerixxa li l-ħaddiema tar-*Resource and Support Services Limited* u *Engineering Resources Limited* jingħataw €250 *bonus.* Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jagħti €250 lill-impjegat tar-*Resource and Support Services Limited* u tal-*Engineering Resources Limited.*

**575.7 Estimi Annwali 2023**

575.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv resqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill l-Estimi Annwali għas-sena 2023. Dawn ġew approvati unanimament fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg.

**575.8 Ittri legali**

575.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv resqet quddiem il-Kunsill il-parir legali dwar inċident li allegatament seħħ bejn nhar is-17 u t-18 t' Awwissu, 2022 meta zokk ta' siġra li tinsab fi Triq iċ-Ċawsli, instab imwaqqa' fuq vettura u kkanġunalha ħsara fuq is-saqaf tagħha.

575.8.2 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjorina Ghislaine Bongailas, il-Kunsill qabel unanimament li l-laqgħa tiġi sospiża għal ftit minuti sabiex id-diskussjoni issir fi stadju ta' kumitat. Fis-7.17 ta' filgħaxija il-laqgħa ġiet sospiża għal ftit minuti. Fis-7.24 ta' filgħaxija l-laqgħa tkompliet.

575.8.3 Fuq proposta tas-Sinjorina Ghislaine Bongailas li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jsegwi l-parir tal-avukat u jitlob rapport dwar din is-siġra lill-kuntrattur responsabbli mis-servizz ta' tindif u żamma tas-*soft areas* u *roundabouts* (ZLC 3/2021).

575.8.4 Inqara rapport u ittra li l-Kunsill irċieva mingħand sid il-vettura GCF264 dwar inċident li allegatament seħħ fi Triq ix-Xgħajra, fejn talab kumpens ta' €120 mingħand il-Kunsill għall-ħsarat li għamel fil-vettura tiegħu. Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li ma jaċċettax responsabbiltà għal dan l-inċident u li tintbgħat ittra legali bħala risposta. [1]

575.8.5 Inqrat ittra li l-Kunsill irċieva mingħand sid il-vettura STV705 dwar inċident li allegatament seħħ fi Triq Wied il-Għajn, fejn talab kumpens ta' €90 mingħand il-Kunsill għall-ħsarat li għamel fil-vettura tiegħu. Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li ma jaċċettax responsabbiltà għal dan l-inċident u li tintbgħat ittra legali bħala risposta peress illi f'din it-triq kien qed isir xogħol infrastrutturali minn Infrastruttura Malta [2]

575.8.6 Inqara rapport u ittra li l-Kunsill irċieva mingħand sid il-vettura ICB889 dwar inċident li allegatament seħħ fi Triq Wied il-Għajn, fejn talab kumpens ta' €80.78 mingħand il-Kunsill għall-ħsarat li għamel fil-vettura tiegħu. Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li ma jaċċettax responsabbiltà għal dan l-inċident u li tintbgħat ittra legali bħala risposta peress illi f'din it-triq kien qed isir xogħol infrastrutturali minn Infrastruttura Malta. [3]

575.8.7 Is-Segretarju Eżekuttiv tkellmet dwar l-offerta għas-Servizz ta' *Accountant* - ZLC 2/2022 *lot 1.* Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li wara li bgħatet tinforma lill-orħos offerent bid-deċiżjoni tal-Kunsill, dan naqas milli jipprovdi l-garanzija bankarja iżda minflok kien offra li jiddepożita ċekk. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat lill-membri preżenti li skont ir-regolamenti marbuta mal-kuntratti dan ma setgħax isir. Is-Sindku ppropona li l-Kunsill jitlob parir lid-Dipartiment tal-Kuntratti jekk il-Kunsill jistax imur għat-tielet offerent peress illi għaddew madwar tminn xhur minn mindu ġiet evalwata din is-sejħa. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li jitlob il-parir tad-Dipartiment tal-Kuntratti dwar dan. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat lill-Kunsill li l-Istqarrijiet Finanzjarji għas-sena 2022 kienu ser jiġu ppreparati mill-*accountant* li kienet ippreparat l-Istqarrijiet Finanzjarji tal-Kunsill għas-sena 2021.

**575.9 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

575.9.1 Il-Viċi Sindku talbet aġġornament dwar it-*traffic management* li sar mad-dawra tal-iskola. Is-Sindku qal illi l-Kunsill kienu għadu għaddej bid-diskussjonijiet mat-*team* t' esperti.

575.9.2 Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa jekk kienx ser ikun komplut il-proġett infrastrutturali li kien qed isir f'Misraħ tal-Madonna Medjatriċi minħabba li fit-2 ta' Frar kellu attività tal-anzjani. Dan minħabba li l-post ta' tluq minn Ħaż-Żabbar kien minn Misraħ tal-Madonna Medjatriċi. Is-Sindku talab lis-Sur Buttigieg jerġa' jkellmu dwar dan matul l-aħħar ġimgħa ta' Jannar.

575.9.3 Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi d-dawl tat-triq f'Misraħ tal-Madonna Medjatriċi u f'parti minn Triq tal-Labour, kien għadu mitfi minkejja li l-Kunsill kien ilu jirraporta dan lill-Infrastruttura Malta. Is-Sindku qal illi l-*promenade* kienet inxtgħelet. Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi ż-*zebra crossing* f'Misraħ tal-Madonna Medjatriċi kienu bla dawl.

575.9.4 Is-Sinjura Anna Calleja talbet li jiżdiedu aktar *dog bins* madwar iż-żona tal-iskejjel. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi kienet ser titlob lill-uffiċjal inkarigat mill-ħarsien tal-annimali biex imur f'din iż-żona.

575.9.5 Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet meta kien ser jiġi varat il-proġett għall-persuni neqsin mis-smiegħ. Is-Sindku qal illi dan il-proġett għandu jiġi varat lejn l-aħħar ġimgħa ta' Jannar.

575.9.6 Is-Sur Joseph Agius tkellem dwar il-bozoz li ilhom mitfija u li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-Korporazzjoni Enemalta. Is-Sur Agius qal li hemm diversi bozoz maqtugħa fi Triq ix-Xgħajra fil-viċinanzi ta' Misraħ San Ġakbu u ta' Triq is-Santwarju ħdejn Misraħ San Nikola. Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien ser jiddiskuti din il-materja waqt laqgħa mal-entità kkonċernata.

575.9.7Is-Sur Angelo Scicluna semma l-ħtieġa li ssir iż-*zebra crossing* fil-viċinanzi tal-grawnd tas-St Patrick. Is-Sindku qal illi l-kuntrattur tal-Kunsill kien beda l-permessi neċessarji ma' Transport Malta sabiex jibda x-xogħlijiet.

575.9.8 Is-Sur Angelo Scicluna rrefera għal-laqgħa li saret bejn is-Sindku u l-Klabb tal-Futbol dwar l-attività li ser issir f'Jum San Patrizju. Is-Sur Scicluna qal illi l-attività kienet qed toqrob u l-kumitat tal-Klabb tal-Futbol kien talbu biex jiddiskuti miegħu dwar din il-laqgħa. Is-Sindku qal illi huwa kien għadu qed jistenna l-proposta mingħand il-Klabb tal-Futbol u talab lis-Sur Scicluna sabiex jinfurmah meta kienet ser issir din il-laqgħa sabiex ikun jista' jattendi huwa wkoll. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-proposta għandha tiġi sottomessa bil-miktub lill-Kunsill sabiex tiġi diskussa waqt il-laqgħa li jmiss. Is-Sur Angelo Scicluna qal illi huwa kien qed iwassal il-messaġġ mingħand il-klabb tal-futbol.

575.9.9 Is-Sur Angelo Scicluna staqsa f'hix kienet waslet it-talba tiegħu sabiex isir il-ħadid mad-dawra tal-monument tal-Bamboċċu. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill kien għadu qed jiġbor il-kwotazzjonijiet sabiex tressaqhom għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kienet qed issib diffikultà biex iġġib tlitt kwotazzjoni.

575.9.10 Is-Sindku ppropona li l-Kunsill jirranġa l-bankina li hemm fi Triq iċ-Ċawsli u jixtri pavimentar li jikkumplimenta mal-proġett li hemm fl-ex venda. Barra minn hekk, jinbidel il-ħadid li hemm *fis-soft area* li hemm fil-viċinanzi tal-latrina pubblika. Is-Sinjura Anna Calleja ssekondat il-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament.

**575.10 Mozzjonijiet**

575.10.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**575.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

575.11.1 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 6 ta' Frar, 2023 fis-6.00 ta' filgħaxija.

575.11.2 Il-laqgħa spiċċat fit-8.05 ta' filgħaxija.

IFFIRMATI
Stephanie Testaferrata de Noto
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fil-576 laqgħa li saret nhar it-Tnejn 6 ta' Frar, 2023.

IFFIRMATI
Jorge Grech
Sindku